# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 3**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 102/2014/LSO**

**Stephen Nana Owusu**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Stephen Nana Owusu (ammess a beneficcju tal-Ghajnuna Legali permezz ta' digriet numru 190/2014) datat 10 ta' Dicembru 2014 fejn espona: -

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali datata 26 ta' Settembru 2012, wara li kien gie misjub hati ta' assocjazzjoni ma' terzi sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga eroina f'Malta, talli importa l-istess droga f' Malta u talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina f'ammonti li kienu jindikaw li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu, kien gie ikkundannat ghall-piena ta' hdax-il sena prigunerija, oltre l-hlas ta' multa ta' tletin elf ewro, liema multa kellha tithallas fi zmien xahrejn altrimenti tigi konvertita f'terminu ta' sena prigunerija ohra;

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata 12 ta' Dicembru 2013;

1. Illi matul il-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija u qabel ma gie nterrogat, ir-rikorrenti ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-fiducja tieghu, u dan *stante* illi l-ligi Maltija ma kinetx tippermetti dan id-dritt, u dan sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi oltre s-suespost, lill-esponenti nkisirlu wkoll id-dritt protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jaghtu d-

dritt li persuna tigi gudikata minn Tribunal indipendenti u imparzjali.

Illi dan qed jinghad *in vista* tal-fatt li l-Avukat Generali *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kellu d-diskrezzjoni assoluta li jiddeciedi jekk r-rikorrenti, dak iz-zmien akkuzat, jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella li johrog Att t'Akkuza sabiex l-akkuzat jghaddi guri quddiem il-Qorti Kriminali, meta l-minimu u l-massimu tal-piena jekk l-Avukat Generali jaghzel li jiprocessa lill-akkuzat fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huma ferm anqas mill-minimu u massimu tal-piena applikabbli fil-Qorti Kriminali.

Illi l-Avukat Generali meta uza d-diskrezzjoni tieghu, ghazel f'dan il-kaz li johrog Att t'Akkuza u l-kawza tar-rikorrenti giet deciza mill-Qorti Kriminali.

Illi ghalhekk l-Avukat Generali kien f'sitwazzjoni li fil-kawza tar-rikorrenti, kellu r-rwol ta' prosekutur fil-konfront tal-akkuzat, pero` b'poteri assoluti li jiddetermina u jiddeciedi minghajr ma jigi b' ebda mod sindakat, fejn jigi gudikat l-akkuzat u liema kienet il-*bracket* tal-piena li kellha tapplika.

Illi dan, l-umli fehma tar-rikorrenti, ifisser bazikament li b'din id-diskrezzjoni assoluta li kellu l-Avukat Generali, fl-istadju li jghazel liema Qorti kellha tiddeciedi l-kaz tar-rikorrenti, l-istess Avukat Generali kien qed jaghmilha kemm ta' prosekutur kontra r-rikorrenti, kif wkoll ta' gudikant, u *in*

*vista* ta' dan, almenu f'dan l-istadju tal-proceduri u fit-tehid ta' din id-decizzjoni, il-poteri tal-Qorti indipendenti u imparzjali li tiehu decizjonijiet dwar ir-rikorrenti li kien qed jidher quddiemha, ghaddew f'idejn l-Avukat Generali li certament ma jistax jitqies indipendenti u imparzjali.

3. Illi inoltre, Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li kien jaghti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Generali sabiex jiddeciedi jekk l-akkuzat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella li jinhareg Att t'Akkuza sabiex l-akkuzat jghaddi guri quddiem il-Qrati Kriminali kiser wkoll id-drittijiet tar-rikkorrenti kif protetti taht artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi rigward dan l-ahhar ilment, ir-rikorrenti jirrileva illi dan il-ksur jemani mis-segwenti fatti:

i) mill-fatt illi *in vista* tad-diskrezzjoni mghotija lill-Avukat Generali, hemm incertezza u nuqqas ta' *foreseeability* in kwantu jirrigwarda l-piena li r-rikorrenti kien suggett ghaliha. Ir-rikkorrenti sar jaf liema *punishment bracket* kienet tapplika ghalih mal-mument li gie akkuzat mill-Avukat Generali, mentri huwa kellu jkun jaf dan mil-ligi u jekk mehtieg bl-assistenza ta' interpretazzjoni mill-Qorti.

ii) mill-fatt illi d-decizzjoni fejn isir il-process kriminali tiddependi biss mid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jiddetermina liema Qorti ghandha tiddeciedi il-kaz.

iii) mill-fatt illi l-kriterji li fuqhom jezercita d-diskrezzjoni l-Avukat Generali ma kienu b' ebda mod specifikati f' ligi u wisq anqas ma kienu soggetti ghall-kjarifiki mill-Qrati.

iv) mill-fatt illi l-Avukat Generali, b'diskrezzjoni assoluta ghazel liema *punishment bracket* kellu japplika ghar-rirkorrenti.

In sostenn ta' dan l-ahhar ilment, ir-rikorrenti jghamel referenza ghall-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha fl-ismijiet **John Camilleri vs Malta** (App nru 42931/10) deciza nhar it-22 ta' Jannar, 2013

Ghaldaqstant, u *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tal-esponenti kif protetti minn artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi nkluz billi tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Dicembru 2013 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Stephen Nana Owosu.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presejduta ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2015.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 9 ta' Jannar 2015 a fol 20 tal-process fejn espona:

1 Illi preliminarjament l-esponent jiġbed għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li l-Imħallef sedenti f'dawn il-proċeduri kien jifforma parti mill-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tat is-sentenza fit-12 ta' Diċembru 2013. Din hija l-istess sentenza li r-rikorrenti qiegħed jipprova jwaqqa' u jħassar b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali;

***L-ilment Dwar in-Nuqqas ta' Dritt ta' Konsultazzjoni Ma' Avukat Fil-Fażi tal-Interrogazzjoni***

2. Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma kienx megħjun minn avukat waqt li huwa ġie interrogat, jibda billi jingħad li dan il-punt ma ġiex imqanqal waqt li kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri kriminali. Loġikament jekk huwa kellu xi ilment dwar kif ġiet kondotta l-interrogazzjoni, ir-rikorrent messu qajjimha waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali u mhux issa wara li dawn ġew fi tmiemhom. Jiġi b'hekk li r-rikorrent ma jistax iqajjem issa din il-lanjanza wara li l-proċeduri kriminali tiegħu għaddew in ġudikat (ara *inter alia* ***Simon Xuereb vs. Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Mejju 2012);

3. Illi subordinatament mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' assistenza legali ma hijiex milquta mill-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Dan għaliex dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti (ara *inter alia* s-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet ir-***Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco*** deċiża fil-15 ta' Novembru 2011). F'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrent jinsab dirett fil-konfront ta' perijodu fejn kienu għadhom għaddejja l-fażi tal-interrogazzjoni min-naħa tal-Pulizija. Għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi kkontestati mir-rikorrent imorru lura għal ġrajjiet li seħħew qabel ma kienu laħqu nbdew xi proċedimenti kontrih, allura dan ifisser li l-ilment tiegħu ma jistax jaqa' fl-ambitu tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrenti jista' jkun mibni fuq dan l-artikolu, l-istess għandu jiġi miċħud;

4. Illi dwar l-**atikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, jingħad ukoll li l-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali (ara ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013). Jiġi rilevat ukoll li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali li persuna akkużata b'reat kriminali jkollha proċeduri li jinżammu b'mod xieraq. F'din il-qagħda, mhux bilfors għaliex ir-rikorrent ma tħalliex jikseb parir legali waqt il-perijodu tal-interrogazzjoni allura huwa awtomatikament ma kellux proċess skont il-ħaqq. Tabilħaqq biex in-nuqqas ta' assistenza legali jista' potenzjalment iwassal għal ksur ta' smigħ xieraq irid jiġi muri b'mod sodisfaċenti li minħabba dak in-nuqqas inħoloq perikolu illi r-rikorrent instab ħati meta ma kellux jinstab ħati (ara ***Charles Steven***

***Muscat vs. Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2012);

5. Illi f'kull każ il-jedd mogħti mill-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u mill-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġabet l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas. Marbut sfiq ma' dan, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument speċifiku;

6. Illi appuntu f'dan il-każ ma jirriżultax li l-istqarrija tar-rikorrent mogħtija lill-Pulizija kienet b'xi mod determinanti fis-sejbien tal-ħtija tiegħu. Kuntrarjament ir-rikorrent instab ħati mill-Qorti Kriminali għaliex huwa stess quddiem il-Qorti fl-20 ta' Settembru 2012 kien ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu fl-att tal-akkuża 31/2010. Jinżel b'hekk li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent ma nstabitx fuq is-saħħa tal-istqarrija meħuda mill-Pulizija iżda fuq il-konfessjoni ġudizzjarja tiegħu magħmula waqt li huwa kien megħjun mill-avukat tiegħu;

7. Illi irrispettivament minn dan kollu, ir-rikorrent ma ġiex imsawwat, mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija bħalma lanqas ma kien ibati minn xi vunnerabilità xort'oħra

meta għamel dik l-istqarrija. Għalhekk ma hemm xejn xi jġiegħel jaħseb li kien hemm xi vizzju fil-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija. Wara kollox, kif anke jirriżulta mill-atti tal-proċess kriminali, ir-rikorrent ma setax jgħid li ma kellux responsabilità kriminali għaliex ir-rikorrent inqabad *in flagrante* jġorr 74 kapsula droga erojina ġewwa l-istonku tiegħu;

8. Illi *multo magis,* ir-rikorrent ma ressaq ebda ilment kontra l-istqarrija meta kellu kull opportunità li jagħmel hekk quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Dan juri illi huwa ma ħassx li l-istqarrija kienet ta' preġudizzju għalih jew li ttieħdet b'abbuż;

9. Illi għalhekk l-ilment tar-rikorrent fuq in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat għandu jiġi mwarrab. Wara kollox kif imtenni mill-Qrati tagħna, il-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat;

***L-ilment Dwar id-Diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali***

10. Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** l-esponent jibda billi jgħid li r-rikorrent qatt ma ġie mċaħħad milli jressaq id-difiza tiegħu;

11. Illi l-esponenti jissottometti wkoll illi l-**artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jinċidix fuq id-dritt tal-akkużat kif imħares mill-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u l-

**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan għas-sempliċi raġuni li l-**artikolu 6** jirregola biss il-mod ta' kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti **u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti**. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur ma għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-**artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' April 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali***);

12. Illi jingħad ukoll li bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx qiegħed b'xi mod jagħti xi deċiżjoni fuq il-mertu tal-akkużi. Dan peress li l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda setgħa jew kontroll fuq jekk akkużat jinstabx ħati jew le u dana billi tali deċiżjoni tittieħed biss mill-qrati;

13. Illi tassew imbilli l-Avukat Ġeneral għandu l-fakoltà bil-liġi illi jagħżel fejn jakkuża lill-akkużat ma jfissirx b'daqshekk li huwa qiegħed jiddetermina l-piena. Dan bħalma lanqas l-Avukat Ġenerali ma jkun qiegħed jistabbilixxi l-piena meta joħroġ l-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali jew meta joħroġ l-artikoli fil-proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Sewwasew fiż-żewġ xenarji l-prosekuzzjoni mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva skont il-każ, xorta jeħtiġielha tipprova l-ħtija fl-akkużat u fl-aħħar mill-aħħar il-kelma

aħħarija dwar il-grad u l-kwantum tal-piena hija mħollija assolutament fid-diskrezzjoni tal-qrati kriminali;

14. Illi wkoll ġaladarba l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mwettaq mill-Avukat Ġenerali mhuwiex wieħed li jitwettaq fil-qafas ta' proċess kriminali mibdi, allura dan ifisser li tali diskrezzjoni taqa' 'l barra mill-applikazzjoni tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** dwar is-smigħ xieraq;

15. Illi fl-aħħarnett l-esponent ma jaqbilx mar-rikorrent li huwa ma kellux aċċess quddiem qorti u tribunal indipendenti biex jissindika d-diskrezzjoni mwettqa mill-Avukat Ġenerali. Dan huwa seta' jagħmlu billi jirrikorri għal azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skont il-liġi;

16. Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet ma jistax jinsab ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**;

17. Illi min-naħa l-oħra safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea,** jissokta jingħad li għalkemm ir-rikorrent jagħmel enfażi sħiħa fuq is-sentenza ta' ***Camilleri vs. Malta***, wieħed irid iżomm f'moħħu li din is-sentenza tal-Qorti Ewropea ma torbotx u ma toħloqx preċedent fuq il-qrati tagħna. Intqal a propożitu mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Josephine Bugeja vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2009, li l-qrati tagħna mhumiex marbuta bil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, "*sia għal dawk li huma prinċipji ġenerali ġurisprudenzjali u sia ghal dawk li*

*huma l-konsegwenzi prattiċi meta dawk il-prinċipji jiġu applikati għall-każ konkret – u dan peress illi, apparti li s-sistema tagħna ma tabbraċċjax id-dottrina tal-preċedent jew tal-istare decisis, il-ECHR mhix parti mis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna*";

18. Illi fuq kollox imbagħad wieħed irid iqis li l-Qrati tagħna f'għadd ta' sentenzi esprimew il-fehma tagħhom li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-**artikolu 120A(2) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** ma hijiex bi ksur tal-**Kostituzzjoni** u **tal-Konvenzjoni Ewropea**. Biżżejjed jissemmew is-sentenzi ***Godfrey Ellul vs. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2006 u ***Claudio Porsenna vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012;

19. Illi mingħajr ħsara għall-premess, irrispettivament minn dak li ġie enunċjat dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent xorta jemmen bi sħiħ li l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali skont l-**artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** la tikser l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u lanqas l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;**

20. Illi ibda biex l-esponent assolutament ma jaqbilx mar-rikorrent li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali eżerċitata taħt il-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** hija assoluta li ma tistax tiġi sindikata. Tabilħaqq għalkemm taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** l-Avukat Ġenerali huwa

mgħobbi bir-responsabbilità li jiddeċiedi l-qorti fejn għandha tiġi pproċessata persuna akkużata b'reati konnessi ma' mediċini perikolużi, dana ma jfissirx li din id-diskrezzjoni tiegħu ma tistax tiġi sindikata mill-Qrati tagħna, fis-sens jekk din id-deċiżjoni ttieħditx *rite et recte*;

Bħal kull deċiżjoni oħra mogħtija mill-fergħa Eżekuttiva tal-Istat, anke din l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jibgħat persuna għall-ġuri jew le, tista' tkun soġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju kif kontemplat taħt l-**Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew għall-kompetenza residwa tal-Qrati ordinarji;

Għalhekk jekk ir-rikorrent ħass li l-Avukat Ġenerali eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ħażin, abbużivament, impreviddibilment, illegalment, b'mod diskriminatorju jew irraġonevolment huwa jekk ried dejjem seta jattakka dik id-deċiżjoni tiegħu quddiem il-qrati kompetenti. Issa jekk huwa ma attakkax din id-diskrezzjoni fil-ħin u fiż-żmien li ssemmi l-liġi, dan ifisser li huwa ssokkomba għal dik id-deċiżjoni, jekk mhux ukoll li huwa kien qiegħed jaċċetta li dik id-deċiżjoni kienet waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Fis-sewwa mbagħad l-mertu tal-vertenza mhijiex jekk il-piena nfisha hijiex prevedibbli. Dan għaliex il-parametri tal-piena fil-liġi huma ċari u stabbiliti bejn sitt xhur u għomor il-ħabs. <u>Għalhekk bniedem li bi ħsiebu jwettaq reat konness mad-drogi jaf li jista' jeħel sa għomru l-ħabs</u>. Diversament il-pern tal-kawża hija jekk il-mod kif l-Avukat Ġenerali juża' d-diskrezzjoni tiegħu jagħmilx il-piena prevedibbli jew le.

Allura ladarba l-kwistjoni kollha hija relatata mal-mod kif l-Avukat Ġenerali jħaddem din id-diskrezzjoni tiegħu, dan iwaqqa' l-vertenza kollha fuq il-pjan soġġettiv u mhux fuq il-pjan oġġettiv. Naturalment biex wieħed jista' jeżamina jekk id-deċiżjoni soġġettiva tal-Avukat Ġenerali kinitx prevedibbli jew le wieħed irid iħares lejn il-fattispeċji tal-każ u lejn deċiżjonijiet meħuda minnu fil-passat. *S'intendi* imbagħad jekk xi ħadd iħoss jew jemmen li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali f'każ partikolari ma kinitx prevedibbli jew ma kinitx proporzjonata ma' każijiet simili, dak li jkun dejjem għandu l-jedd li jipprova jiċċensura dik id-deċiżjoni quddiem il-Qrati;

Ladarba d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali mhijiex insindikabbli u r-rikorrent kien mogħti l-opportunità li jikkontesta dik id-deċiżjoni allura ma tqum l-ebda kwistjoni ta' prevedibbilità jew ta' inċertezza peress li l-kejl tal-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali dejjem jista' jkun soġġett għall-għarbiel u l-kontroll tal-qrati;

Għalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent umilment jemmen li safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes kontra d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeżisti milli tqisu skont l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

21. Illi dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, jingħad fi kwalunkwe każ, li ma hemm xejn fil-lokuzzjoni tal-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** li joħloq inċertezza

jew imprevedibbilità la dwar l-elementi tar-reat u wisq aktar dwar il-piena. Il-liġi sostantiva dwar ir-reati li bihom kien jinsab mixli r-rikorrent hija ċara u tgħodd għal kull min ikun fil-qagħda tiegħu;

22. Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali skont il-liġi jista' jagħżel li jibgħat lill-akkużat jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, b'daqshekk dan ma jnaqqas xejn mill-prevedebbilità (*foreseeabilty*) tal-liġi. Dan għaliex sew jekk il-każ jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati u sew jekk jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali l-elementi li jikkostitwixxu r-reat jibqgħu l-istess. Fejn tidħol il-piena imbagħad, għalkemm huwa minnu li hemm differenza fil-parametri, skont fejn jiġi proċessat l-akkużat, madankollu llum anke bl-għejun ta' ġurisprudenza voluminuża u kostanti f'dan il-qasam, wieħed faċilment jista' jiddeċifra meta huma dawk is-sitwazzjonijiet li jimmilitaw akkuża quddiem il-Qorti Kriminali u dawk li jimmilitaw għal akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

23. Illi l-effetti **tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni** jissoktaw mill-mument li persuna titressaq il-Qorti. Għalhekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali '*at pre-trial stage'* f'każijiet li jikkonċernaw reati ta' droga, m'għandhiex ikollha l-effett li toħloq inċertezza jew nuqqas ta' prevedibbilità għaliex ladarba l-Avukat Ġenerali jieħu d-deċiżjoni tiegħu mill-ewwel fejn ser jipproċedi bl-akkużi, minn hemmhekk l-akkużat ikun jaf sew kemm fuq in-natura tar-reat li jinsab mixli bih u kif ukoll il-parametri tal-piena ta' kemm jista'

jeħel fl-ipoteżi ta' sejbien ta' ħtija għaliex dawn huma sew delinejati fl-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**;

24. Illi dak li tassew jiswa għall-finijiet tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa li l-akkużat ikun jaf bi preċiżjoni l-parametri tal-minimu u massimu tal-piena eventwalment erogabbli kontra tieghu f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fil-mument tal-preżentata tiegħu, l-imputat minnufih ikun f'qagħda li jkun jaf eżatt kemm jista' jeħel bħala piena jekk jinstab ħati. Għalhekk ladarba meta jibda l-proċess kriminali quddiem il-Qorti Kriminali jew tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-termini tal-**artiklolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-imputat ikun jaf il-parametri tal-piena li jista' jeħel, allura wieħed ma jistax jitkellem fuq ebda stat ta' inċertezza;

25. Illi saħansitra meta ntemmet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u l-Avukat Ġenerali fuq il-bażi tal-provi miġbura ddeċieda li joħroġ l-att tal-akkuża, ir-rikorrent ġie mgħarraf kemm bl-artikoli li taħthom kien qiegħed jiġi mixli u anke l-piena li seta' jeħel fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija;

26. Illi wkoll għandu jitqies bħala fattur rilevanti l-fatt li r-rikorrent qatt ma esprima xi kritika jew dubju dwar il-valutazzjoni u l-għażla tal-Avukat Ġenerali li jassoġġettah għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali. Fis-sens li huwa fl-ebda ħin ma allega li kien ħaqqu li jiġi proċessat mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux mill-Qorti Kriminali. Bħalma lanqas

ma indika b'liema mod din id-diskrezzjoni ġiet imwettqa b'mod inaspettat jew imprevedibbli;

27. Illi naturalment jinkombi fuq ir-rikorrent li juri li huwa raġonevolment kien qed jipprevedi li sejjer jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem il-Qorti Kriminali u li l-Avukat Ġenerali ħa deċiżjoni li ma kinitx mistennija;

28. Illi in riassunt għalkemm il-kriterji użati mill-Avukat Ġenerali fid-deċiżjoni dwar il-Qorti li quddiemha tintbagħat persuna akkużata ma kinux imniżżla fil-ligi, dan il-fatt waħdu m'għandux iwassal awtomatikament għal sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taħt **l-Artikolu 7**. Dan inkwantu dan il-vojt fil-liġi jista' jimtela faċilment bl-għejun tal-ġurisprudenza u tal-esperjenza passata ta' kif l-Avukat Ġenerali dejjem ikkonduċa l-għażliet tiegħu f'dan il-qasam. Jekk dan mhux biżżejjed fi kwalunkwe każ, il-parti interessata dejjem tista' titlob li l-għażla tal-Avukat Ġenerali tgħaddi mill-għarbiel tal-Qorti;

29. Għaldaqstant il-mod kif l-Avukat Ġenerali applika d-diskrezzjoni tiegħu skont l-**artiklolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tmurx la kontra l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u lanqas kontra l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;**

30. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Għaldaqstant fid-dawl ta' dak fuq espost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat l-astensjoni tal-Imhallef precendenti a fol 28 tal-process; u

Rat is-surroga moghtija mill-Prim'Imhallef fit-2 ta' Frar 2015 u appuntat din il-kawza ghas-smigh ghall-10 ta' Marzu 2015.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tas-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 *"where when the case was called appreared the applicant assisted by his lawyer Dr Anthony Cutajar and Dr Christian Falzon Scerri for the Attorney General. The Court heard the final oral submissions done by the respective lawyers, which was registered directly onto the electronic system. The case was put for a final judgement for the 14th January 2016 at 9:30p.m. which will be delivered in the Maltese language."*

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern mhumiex ikkontestati. **Stephen Nana Owusu,** imwieled il-Ghana, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-15 ta' Lulju 2009 b'akkuzi marbutin mar-reati ta'

importazzjoni, traffikar u pussess illegali f'dawn il-Gzejjer tad-droga eroina F'dan l-istadju ma rregistrax ammissjoni. Fl-istess data l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali bis-sahha tal-**artiklu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta)**.[1]

Jirrizulta li r-rikorrent inqabad b'74 kapsola ta' eroina ingestiti minnu meta wasal f'Malta fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fuq titjira minn Brussels fit-13 ta' Lulju 2009. Dawn kienu jekwivalu ghal 799.75 gramma eroina b'purezza ta' 41.3%. Gie arrestat u ttiehed l-Isptar Mater Dei fejn l-ghada rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija. Ma inghatax l-opportunita' li jikkonsulta Avukat tal-fiducja tieghu f'ebda hin qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Meta deher quddiem il-Qorti Kriminali u allura kien assistit minn avukat, ammetta l-akkuzi kontrih. Minnkejja li kien hemm trattattivi ghall-patteggjament mal-Avukat Generali, ma gie konkluz l-ebda ftehim ghaliex ir-rikorrent ma qabilx mal-proposta maghmula.

Illi b'sentenza moghtija fis-26 ta' Settembru 2012[2] l-Qorti Kriminali sabitu hati tal-akkuzi u kkundannatu ghall-perjodu ta' hdax-il (11) sena prigunerija u multa ta' €30,000 pagabbli fi zmien xaharejn  altrimenti tigi kkonvertita ghall-perjodu ulterjuri ta' sena prigunerija. L-akkuzat appella mill-piena li ssottemetta kienet wahda harxa fic-cirkostanzi tal-kaz.

[1] Kunsens esebit a fol.40 tal-process.
[22] A fol 325 tal-process.

B'sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2013[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza wara li kkonsidrat li l-akkuzi li ingiebu kontra r-rikorrent attiraw sentenza ta' ghomor habs u li t-terminu impost ta' prigunerija ta' 11-il sena kien jaqa' definittivament fil-parametri tal-ligi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Dawn il-fatti wasslu ghat-talba odjerna fejn ir-rikorrent qed jitlob harsien u rimedju dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, 'l quddiem imsejha 'Il-Kostituzzjoni' u l**-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, '**l quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**". Bazikament huwa jilmenta li d-drittijiet fondamentali tieghu imsemmija gew lezi billi ma inghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel ma gie interrogat mill-pulizija u rrilaxxa stqarrija. Inoltre jghid li l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fil-kaz tieghu fit-termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jledi mhux biss l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni imma anke l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni .

L-Avukat Generali oppona ghat-talbiet u ssolleva diversi eccezzjonijiet fosthom li r-rikorrent ma qanqalx l-ilmenti tieghu dwar in-nuqqas ta' assistenza legali u dwar l-istqarrija tieghu quddiem il-Qorti kriminali u li, inoltre, ma

[3] Kopja a fol 286 tal-process.

ezawriex ir-rimedji ordinarji tieghu, apparti eccezzjonijiet sostantivi.

## Provi

## Dokumenti Esebiti

L-atti tal-proceduri kriminali fl-isem **Ir-Repubblika ta' Malta vs Stephen Nana Owusu** huma allegati mal-atti odjerni u qed issir riferenza shiha ghalihom sa fejn hu rilevanti ghall-indagni tallum. Fosthom hemm l-istqarrija tal-akkuzat[4] li ttiehdet l-ghada tal-arrest tieghu fl-14 ta' Lulju 2009 bil-lingwa Ingliza. Minn din jirrizulta li inghata d-debita twissija, senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser ighid seta' jingieb bhala prova kontrih; li kien jifhem bil-lingwa Ingliza u b'hekk fehem dak li kienu qed isaqsuh; u li ammetta li gie f'Malta biex idahhal d-drogi fil-pajjiz. L-istqarrija hija ffirmata mill-akkuzat u mill-Ispettur Johann J. Fenech u l-kuntistabbli PC 230 G.Michael Briffa. Jirrizulta li r-rikorrent ikkoopera mal-pulizija li kienu qed jinvestigaw il-kaz billi fornihom bin-numri tal-*mobile* tal-persuna li kellu jikkuntattja, izda din il-persuna ma inqabbditx

## Xhieda

**Ir-rikorrent xehed[5]** bil-lingwa Ingliza. Qal li gie offrut €3000 biex jimporta d-droga f'Malta. Ingesta l-kapsoli izda

[4] A fol 59 tal-process. Din l-istqarrija ittiehdet l-Isptar Mater Dei, f'Bed 9, Opthalmic Ward fil-12.20.
[5] Seduta tal-10 ta' April 2015

gie arrestat mal-wasla tieghu. nzamm l-Isptar sakemm ghadda il-kapsoli. Il-pulizija gharrfuh li jekk jghinhom jaqbdu l-persuna involuta kien ikollu sentenza ridotta altrimenti kien qed jirrinfaccja l-ghomor il-habs. Qal li rrilaxxa l-istqarrija tieghu meta kien ghadu l-isptar u kien ghadu jirritjeni l-kapsoli go fih. Mill-Isptar ittiehed direttament il-qorti. Qal li meta kien l-Isptar talab lill-pulizija li jkollu l-assistenza ta' avukat izda din it-talba giet rifjutata u lanqas hallewh icempel lill-avukat tieghu.

Huwa xehed li ghazel li jaghmel l-istqarrija "*Because they say if I help them they will help me."* Ma kienx kostrett li jaghmel l-istqarrija izda l-pulizija qalulu li jekk jghinhom jarrestaw il-komplici tieghu jibbenefika mill-artikolu 29 (tal-Kap 101) li l-kuntistabbli Briffa, qallu jsarraf f'6 jew 7 snin prigunerija. Madanakollu kien l-Ispettur li kien qed imexxi l-kaz.

Huwa kkonferma l-veracita' tal-istqarrija quddiem din il-qorti. Ikkonferma wkoll li meta ammetta l-htija quddiem il-Qorti Kriminali kien assistit minn Avukat - Dr Malcolm Mifsud.

Xehed li meta kien l-Isptar sar jaf li seta' jehel l-ghomor il-habs f'Malta ghall-reati konnessi mat-traffikar tad-droga. Mistoqsi jekk kienx jaf, meta ammetta, li seta' jgarrab l-ghomor il-habs wiegeb fl-affermattiv.

Xehed **l-Ispettur Johann Fenech**[6] u qal li r-rikorrent gie arrestat l-ajruport u wara xi saghtejn ittiehed l-Isptar. Kien kellmu l-ghada meta kien ghadu l-Isptar. Hu kkonferma li qal lir-rikorrent li jekk ghinhom biex jarrestaw il-kuntatt li kellu f'Malta kien japplika favurih l-artikolu 29 tal-Kap 101. L-akkuzat ikkoopera imma ma rnexxilhomx jaqbdu t-terza persuna. Qal li r-rikorrent ma kienx marid imma kien qed jistenna biex jghaddi l-kapsoli minn gismu. Ma ilmentax dwar xi kondizzjoni fizika, ma kienx jidher mugugh jew ghajjien. Kien koerenti meta kellmu. Afferma wkoll li r-rikorrent ma inghatax id-dritt li jkun assistit minn Avukat. Qal li r-rikorrent ma ammettiex l-akkuzi meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja.

Xehed ukoll **PC George Michael Briffa**[7] u qal li kien assista waqt it-tehid tal-istqarrija. Kien informa lir-rikorrent ukoll, bhal ma kien isir f'kull kaz, li jekk jghinhom biex jaqbdu min kien involut mieghu kien jibbenefika fi tnaqqis ta' prigunerija applikabbli. Tobba u *nurses* dahlu fil-kamra ta' spiss biex jikkontrollaw ir-rikorrent u kien jidher normali.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt marbutin mal-fatti tal-Kaz.**

**L-ewwel Ilment:** Ir-rikorrent ma inghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

[6] Seduta tal-11 ta' Gunju 2015.
[7] Seduta tal-11 ta' Gunju 2015.

**L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta'

dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[8] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[9].

Illi ghalhekk minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu jirrigwardaw ġrajja li seħħet qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, din il-Qorti ssib li l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.[10]

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

Illi d-drittijiet fundamentali sanciti b'dan l-artikolu jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u li huma accessibbli ghall-akkuzat. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lil min hu akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u garanziji ohra hemm sanciti.

Illi l-partijiet rilevanti ghall-kaz odjern tal-Artikolu 6 jiddisponu hekk: "(2*) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali*

---

[8] P.A. (Kost.) 17.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et.**

[9] Kost. 16.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja.**

[10] PA (Kost.) 30.10.2014 fil-kawza fl-ismijiet **Peter Joseph Hartshorne v Avukat Generali et.**

*għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħmula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-*fair trial*. Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial"* (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).(Ara wkoll il-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Lombardi -** QK 12 ta' April 2011,fejn il-Qorti traccjat l-izviluppi fil-hsieb legali tal-Qorti Ewropea fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji.)

Hu maghruf li: *"The protection of Article 6 starts from the time when a person is charged with a criminal offence. This is not, however, necessarily the moment when formal charges are first made against a person suspected of having committed an offence... The Court has defined a 'charge' for the purposes of Article 6(1) as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence." (Jacobs, White & Ovey The European Convention on Human Rights,* **Robin C.A. White & Clare Ovey**, Oxford (2010) pagna 246).

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija aktar wiesgha minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat matul l-investigazzjoni tal-pulizija u fl-eventwali interrogazzjoni u redazzjoni tal-istqarrija tieghu. Fl-istqarrija hu ammetta li dahal Malta biex jimporta d-droga u, fil-verita', il-fatti ma setghux juru altrimenti billi l-kapsoli kienu jinsabu go fih. Jigi precizat li l-artikolu 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali li jirregolaw l-assistenza legali fl-investigazzjoni preliminari ta' akkuzat dahlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 b'effett tal-Avviz Legali A.L.35 tal-2010.

Ghalhekk ma kienux ghadhom parti mill-Ligi taghna fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija tar-rikorrent odjern. B'konsegwenza ta' dan, b'rabta mal-linja mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali taghna f'sentenzi ricenti, il-fatt wahdu tal-iskiet tieghu, kieku ghazel li jibqa' fommu sieket, ma kienx jattira l-ebda inferenza ulterjuri waqt il-procedimenti kriminali.

Illi rigward il-kontestazzjoni tal-Intimat, il-Qorti ser tislet mir-risposta l-eccezzonijiet principali sollevati u cioe`: (1) ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali;(2) jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, dan ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u l-imsemmi dritt irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern; (3) il-jedd ghas-smigh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemiltu minhabba xi formalita' nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali; (4) fl-ebda mument waqt tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ma giet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' tal-istqarrija da parti tieghu li bl-ebda mod ma tista' titqies inkriminanti. (5) ir-rikorrent ma giex imsawwat, mhedded jew imqarraq

biex jaghmel l-istqarrija u lanqas ma kien ibaghti minn xi vulnerabilita' xort'ohra.

Dawn il-kweziti kollha gew indirizzati mill-Qorti Kostituzzjonali meta kienet rinfaccjata b'kawzi simili ghal dak tallum. Il-linja mehuda mill-oghla Qorti taghna mhix identika ghall-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea.

Il-principji saljenti gew spjegati mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Salduz v Turkey**[11]. Il-Qorti, f'dak il-kaz, l-ewwel bdiet biex tirrepeti l-principju gja stabbilit fil-kaz ta' **John Murray v. the United Kingdom** [12]fejn in-nuqqas ta' assistenza legali jista' (*is likely)* jissarraf f'*unfairness* fil-proceduri kriminali tant li l-akkuzat isofri pregiudizzju gravi minhabba dan in-nuqqas.[13].

Imbaghad fil-paragrafu determinanti irriteiet li:-

"1. *Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not*

---
[11] 49 ECHH 421+ moghtija fis-27 ta' Novembru 2008
[12] 8 February 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-I, § 62
[13] Para 50 tad-decizjoni tal-Grand Chamber.

*unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

Fil-kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v Avukat Generali** (Q.K 8.10.2010) il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni awtorevoli fejn inkwadrat id-dritt pretiz fl-isfond shih tal-*fairness of the trial* :-

"*16. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma'avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja.*

*17. Hekk, fil-każ ta' Imbrioscia v. l-Isvizzera*[14] *il-Qorti Ewropea osservat illi:*

*"Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 3 - may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

B'riferenza ghall-kaz ta' **Salduz,** il-Qorti Kostituzzjonali taghna osservat li :

[14] Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

*" 20. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropea x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess* penali, *sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non għal smigħ xieraq.* "

Madanakollu wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea osservat :

*" Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:*

*'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.*[15]*"*

Ghaldaqstant jidher li l-oghla Qorti fil-pajjiz fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħolqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Tant hu hekk li ghamlet riferenza ghall-konsegwenzi ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference")

[15] Para 50 tas-sentenza .

li jistghu jitnisslu kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu.[16] "*Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet."*

Interessanti l-apprezzament l-aktar recenti tal-Qorti Ewropea dwar il-linja ta' hsieb abbraccjat mill-Qrati taghna. Fil-kaz **Dimech v Malta[17]** il-Qorti Ewropea esprimiet il-hsieb taghha hekk:

"It *also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favourable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court*."

Fil-kaz ta' **Dimech,** il-Qorti Ewropea kkonkludiet li ma jistax jinghad li kien hemm arbitrarjeta' fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna imma tibdil fil-hsieb u b'hekk sabet li ma kienx

[16] Il-kaz ezaminat f'dik is-sentenza sehh qabel ma ddahhlu d-disposizzjonijiet tal-Art.355AT u 355 AU fil-Kodici Kriminali fejn tista' ssir inferenza mis-skiet tal-akkuzat.
[17] Deciz mill-Fifth Chamber fit-2 ta' April 2015.

hemm ksur fis-sens mitlub mir-rikorrent li allega incertezza fil-ligi.

Fl-isfond tal-giurisprudenza taghna, l-Qorti trid taccerta li l-assenza ta' assistenza legali li indubbjament sehh f'dan il-kaz ikkaguna pregiudizzju serju lir-rikorrent fil-process penali. Fil-prattika l-Qorti ghandha taghmel evalwazzjoni jekk il-mankanza ta' assistenza legali fil-kaz partikolari setghetx twassal ghar-rizultat differenti fil-process penali.

Madanakollu f'sentenza li nghatat proprju f'dawn il-granet fit-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Ewropea fil-kaz **Borg v Malta**[18] regghet ikkonfermat il-pozizzjoni taghha antecedent u rriteniet li:-

*"2. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic*

[18] App.Nru. 37537/13. Din is-sentenza m'ghadx hi finali fil-jum tas-sentenza odjerna.

*restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*3. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56"*

Il-Qorti Ewropea b'hekk sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Il-pozizzjoni tal-Qorti Ewropea hija cara, li l-mankanza ta' rimedju legali ma jezonerax lill-Istat mill-obbligu li jiggarantixxi l-assistenza legali waqt l-interrogatorju mill-pulizija, ukoll fil-*pre-trial stage* salv fejn hemm *"compelling reasons."* Il-Qorti hadet nota ta' din is-sentenza izda billi d-decizjoni taghha tallum hija bbazata fuq il-fatt li l-piena moghtija lill-akkuzat kienet ibbazata fuq l-ammissjoni tieghu fil-process gudizzjarju stess u mhux fl-i*statement* tieghu, hija tal-fehma li ma kienx hemm ksur tal-artikolu 6 fil-kaz tallum.

Ikkonsidrat li meta r-rikorrent ammetta l-akkuzi migjuba kontrih quddiem il-Qorti Kriminali kien assistit minn Avukat. L-ammissjoni tieghu giet registrata u kienet b'riferenza ghal din l-ammissjoni, u mhux ghall-istqarrija tieghu, li l-Qorti imbaghad ghaddiet biex tfisser il-piena imposta fuqu. Ir-rikorrent kien jaf li ma kienx intlahaq ftehim mal-Avukat Generali u certament seta' kien mgharraf mill-Avukat tieghu dwar in-natura tal-piena li l-akkuzi kienu jikkominaw. Anzi, gie imwissi mill-Qorti stess "*in the most solemn manner*"[19] dwar il-konsegwenzi tal-ghazla tieghu u tatu xi hin biex jahsibha.

Ghalhekk fil-kaz odjern, ma jistax jinghad li l-istqarrija kellha xi impatt fuq id-decizjoni tal-Qorti u l-piena imposta ghaliex provi ma tressqux proprju b'konsegwenza tal-ammissjoni tieghu.

Il-lanjanza li tqajjem ir-rikorrent illum rega' gie ezaminat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et.** (16 ta' Marzu 2015) fejn ir-rikorrent kien ukoll irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti Kriminali. F'din is-sentenza inghad hekk:

"*37. Din il-qorti ttenni dak li qalet fis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2012 fil-każ ta'* ***Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali*** *u s-sentenza tas-26 ta'April 2013 fil-każ ta'* ***Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech*** *u f'sentenzi oħra hemm ċitati illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna*

[19] Ara sentenza tal-Qorti Kriminali, fol 330 tal-process odjern.

*ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimita' meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq."*

*38. Il-fatt li l-attur ma kellux l-għajnuna ta' avukat biex għamel l-istqarrija lill-pulizija b'ebda mod ma ippreġudika jew ikkondizzjona d-difiża tiegħu; anzi, meta għamel l-istqarrija l-attur qal illi d-droga kienet għall-użu tiegħu biss u meta, wara li ħa l-parir tal-avukat, għamel ammissjoni quddiem il-qorti, u tenna dik l-ammissjoni wara li ngħata żmien biex jerġa' jaħsibha u, jekk jidhirlu, jeħodha lura, ammetta illi d-droga kienet mhux għalih biss iżda wkoll biex jittraffikaha. Ovvju għalhekk illi l-istqarrija li għamel quddiem il-pulizija b'ebda mod ma ikkondizzjonatu jew ippreġudikat il-posizzjoni tiegħu għax dik il-posizzjoni kompla għarraqha hu stess wara li kien ħa l-parir ta' avukat tal-fiduċja tiegħu.*

*39. Fiċ-ċirkostanzi l-istqarrija quddiem il-pulizija tista' titqies għalkollox irrelevanti, mhux biss fid-dawl tal-ammissjoni, magħmula u mtennija bil-garanziji kollha li tagħti l-liġi, iżda wkoll għax l-attur inqabad f'ċirkostanzi li jitkellmu weħedhom, bid-droga u bl-impjant għall-koltivazzjoni tad-droga fid-dar tiegħu. Barra minn hekk, ma hemmx l-iċken prova illi l-attur huwa xi persuna partikolarment vulnerabbli, jew li l-istqarrija ma tteħditx volontarjament jew ittieħdet*

*b'abbuż, jew b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

Fil-konkluzjoni taghha sahansitra sabet dan l-aggravju "*fieragħ*" u li " *tkun inġustizzja, oltraġġ għal-liġi u avviliment tad-drittijiet fondamentali jekk is-sentenza kontra l-attur titħassar għal din ir-raġuni. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud."*

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb in kwantu jolqot l-irrilevanza tal-istqarrija ghas-sejbien ta' htija tal-akkuzat. Anke fil-kaz odjern, l-akkuzat inqabad f'sitwazzjoni fejn ic-cirkostanzi kienu jitkellmu wahidhom. Jibqa' fatt li bis-skiet tieghu jew bl-istqarrija maghmula, is-sentenza inghatat fuq l-ammissjoni tieghu. Jirrizulta mhux ikkontestat li inghata l-opportunita' li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu ghall-fini tal-piena fejn il-Qorti wkoll hadet in konsiderazzjoni l-fattur li rregistra *an early guilty plea.* Inoltre, r-rikorrent appella mill-piena imposta u l-Qorti tal-Appell Kriminali anke minhabba li kien ikkoopera mal-pulizija sa mill bidu nett tal-investigazzjoni taghhom. Il-Qorti kriminali irriteniet hekk:

"*Although appellant was caught red handed with the drugs......if one were to consider his guilty plea before the Criminal Court and the fact that he tried to cooperate with the Police, an appropriate reduction of the term of imprisonment could have been that of one third. A reduction of one third is equivalent to the maximum punishment of twenty years. Consequently the punishment*

*imposed by the Criminal Court is definitely within the parameters of the law."*[20]

Illi fid-dawl tal-premess lanqas hija ta' rilevanza l-kwistjoni ta' vulnerabilita' tar-rikorrent meta rrilaxxja l-istqarrija ghaliex l-istqarrija tieghu proprju ma dahhlitx fil-mertu imma l-ammissjoni tieghu *in faciem curiae*. Illi ta' min jghid li dan tqajjem biss fil-kors tat-trattazzjoni finali billi mkien fir-rikors promotur mhu imsemmi l-allegat stat ta' vulnerabilita' tieghu. Ir-rikorrent isostni li ghandu jigi kkonsidrat bhala persuna vulnerabbli billi kien l-Isptar meta gie interrogat u ma kienx nehha d-droga mis-sistema tieghu meta ttiehdet l-istqarrija mill-pulizija. Jirrizulta pacifiku li l-pulizija lanqas talbu l-parir tal-istaff mediku dwar jekk kienx f'posizzjoni li jirrilaxxja stqarrija.

Izda r-rikorrent stess xehed li ghazel li jaghmel l-istqarrija "*Because they say if I help them they will help me."* Ikkonferma l-veracita' tal-istqarrija quddiem din il-qorti.

L-Ispettur Johann Fenech xehed li r-rikorrent ma kienx marid imma kien qed jistenna biex jghaddi l-kapsoli minn gismu. Ma ilmentax dwar xi kondizzjoni fisika, ma kienx jidher mugugh jew ghajjien. Kien koerenti meta kellmu. Il-Kuntistabbli George Michael Briffa qal li tobba u *nurses* dahhlu fil-kamra (tar-rikorrent) ta' spiss biex jikkontrollaw ir-rikorrent u kien jidher normali.

[20] *Vide* para 8 tas-sentenza

Illi fid-dawl tal-premess, anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-istqarrija kellha titqies li kienet rilevanti ghall-legittimita' tal-process penali, li fil-kaz odjern mhix, ma jirrizultax pruvat li r-rikorrent kien f'xi riskju jew f'xi sitwazzjoni 'vulnerabbli' fis-sens stabbilit mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna, meta rrilaxxja l-istqarrija.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li ma hemmx vjolazzjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas ta' assistenza legali u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz tqies li dan l-ilment tieghu huwa fieragh.

**It-Tieni Ilment -** Li d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali skont l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija leziva tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Kif gja premess, l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni lilu moghti bil-Ligi u ordna li r-rikorrent jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali.

Kazijiet simili gja gew decizi mill-Qrati taghna, kif ukoll mill-Qorti ta' Strasbourg u l-gurisprudenza fir-rigward hija ormai stabbilita. Qed issir riferenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Godfrey Ellul v Avukat Generali** (dec.fis-27 ta' April 2006), **Claudio Porsenna v AG -** (dec. fis-16 ta' Marzu 2012), **Joseph Lebrun v Avukat Generali,** u **Martin Dimech v Avukat Generali**, it-tnejn decizi fis-16 ta' Dicembru 2014, u ghas-sentenza

aktar recenti li giet ippronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et** (dec. fil-15 ta' Marzu 2015). Il-Qorti Kostituzzjonali f'dawn is-sentenzi, traccjat il-gurisprudenza f'dak li jirrigwarda d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali f'akkuzi migjuba taht l-**artiklu 22(2) tal-Kap 101 kif ukoll taht l-artiklu** simili **120A(2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta,** fid-dawl tal-garanziji sanciti bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

Ghandu jinghad ukoll li fil-kaz **John Camilleri v Malta,** il-Qorti Ewropea ddecidiet li l-**artikolu 120A(2) tal-Kap 31,** li huwa redatt f'termini simili ghall-artiklu in ezami, kien leziv tal-**artiklu 7 tal-Konvenzjoni** billi "*it failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in **Article 7".***[21] Gjaladarba sabet tali vjolazzjoni, il-Qorti Ewropea ma komplietx tikkonsidra l-allegat lezjoni tal-artiklu 6.

"Illi l-**Artikolu 22(2) tal-Kap. 101** fiz-zmien tal-arrest kien jiddisponi hekk:

*"Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont kif jordna l-Avukat Generali,*
*u jekk tinsab hatja tehel, ghal kull reat:-...."*

[21] Din is-sentenza saret finali fis-27 ta' Mejju 2013 .

Illi jidher minnufih li din id-disposizzjoni ma taghtix kriterji taht liema cirkostanzi persuna akkuzata ghandha titressaq quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati kif lanqas ma taghti kriterji dwar ghaliex il-kaz jigi deciz minn Qorti u mhux minn ohra, u dan *nonostante* illi l-konsegwenzi huma ferm differenti minn xulxin u jgibu maghhom pieni b'pizijiet differenti minn xulxin. Infatti filwaqt illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-massimu tal-piena li persuna akkuzata tista' tehel hija prigunerija ghall-ghaxar snin, quddiem il-Qorti Kriminali l-prigunerija analoga hi dik tal-ghomor. *Di piu`* l-pieni pekunjarji huma wkoll ferm differenti.

L-artiklu gie ammendat bl-**Att. XXIV tas-sena 2014**,[22] u cioe`, sussgwentement ghas-sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tar-rikorrent. Ghaldaqstant ma kellux l-opportunita' li jutilizza r-rimedju moghtija b'dawn l-ammendi li kienu fis-sens li sabiex tingħata direzzjoni skont is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l**-linji gwida** inklużi fir-Raba' Skeda ta' din l-Ordinanza. Ukoll b'effett ta' dawn l-ammendi, fejn persuna qed jistenna li jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali taht ordni moghtija bl-artiklu 22(2), huwa jista' jitlob lill-istess Qorti Kriminali sabiex jigi ggudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'talba maghmula sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015.[23]

[22] Klawsola 88.
[23]Din id-data hija estensjoni fuq id-data originali, introdotta b'ammenda bl-Att VIII.2015.41

Ikkonsidrat li filwaqt li huwa minnu li l-ghazla diskrezzjonarja tal-Avukat Generali tiddetermina l-piena applikabbli, bl-ebda mod ma xxekkel il-garanziji li kull akkuzat ghandu dritt ghalihom sabiex jigi zgurat *fair trial* kif imfisser fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. Lanqas m'hi determinanti tal-htija tieghu, imma biss tal-ghazla tal-Qorti fejn ser tinstema' l-kawza tieghu u tal-piena applikabbli. Anzi, kif ser jinghad 'il quddiem, lanqas hija llum il-kelma finali dwar il-forum u piena.

Ghalhekk, kemm jekk l-Avukat Generali jistrada l-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kemm jekk quddiem il-Qorti Kriminali, il-Qorti dejjem hija wahda li tiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalita', l-*equality of arms* bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, fejn *inter alia* jispetta lill-akkuzat li jiġi mgħarraf dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu li l-kaz tieghu jigi mistharreg u deciz minghajr dewmien, fejn igawdi mill-presunzjoni tal-innocenza, fejn ikollu l-assistenza legali u d-dritt li ma jinkriminax ruhu, u fejn ikollu kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu u jezamina x-xhieda mressqa kontrih.

Ghal dak li huwa rilevanti ghall-ilment li qed jigi kkonsidrat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Godfrey Ellul v Avukat Generali,** b'riferenza ghall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni irriteniet hekk:

*"Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, dan l-artikolu jirregola l-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u*

*sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu, u ma nġiebet ebda prova illi l-appellant kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji. Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur ma għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-art. 22(2) tal-Kap. 101. Din il-qorti, għalhekk, bħall-ewwel qorti ma ssibx li kien hemm ksur ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni."*

Fil-kaz ta' **Lebrun v Avukat Generali** il-Qorti Kostituzzjonali sabet li:

*"22. Din il-Qorti tosserva li kif ritenut fil-gurisprudenza patria s-smigh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fil-kuntest ta' persuna akkuzata b'reat, u ma tirreferix ghad-dritt sostantiv li tahtu jigi akkuzat. Id-dritt ta' smigh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-provvediment tal-Artikolu 22(2), u, darba nharget akkuza, il-process gudizzjarju hu protett bil-ligi li jiggarantixxi smigh xieraq ghall-akkuzat." (**Godfrey Ellul v. Avukat Generali.)***

*23. Ukoll fil-kawza **Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri**[24] il-Qorti tal-Appell Kriminali [Superjuri] osservat hekk:*

*"J. Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skont l-artikolu 22(2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha.*

---

[24] Qorti Kriminali - App Nru. 3/1998, deciz 23 ta' Jannar 2001

*Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skont il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament* jincidu fuq tali indipendenza."

*24. Ukoll, kif osservat il-Qorti fil-kawza* ***Claudio Porsenna v. Avukat Generali*** *t-terminu "decizjoni" fl-Artikolu 6 jirreferi ghall-process li jsir quddiem qorti indipendenti u imparzjali meta persuna tkun tressqet quddiemha mixlija b'reati, u mhux ghad-decizjoni li l-awtorita` kompetenti tkun hadet biex tressqu quddiem dik il-Qorti."* Dawn il-konsiderazzjonijiet huma wkoll ripetuti fis-sentenza **Martin Dimech v Avukat Generali[25]. "**

Illi fid-dawl tal-premess, ikkonfermat aktar recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et.** din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq kif sanciti bl-artikolli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**It-Tielet Ilment: -** Li d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali skont l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija leziva tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Jigi precizat minnufih li l-process penali fil-konfront tar-rikorrent gie konkluz definittivament u ghalhekk dik l-iskorta

[25] Q.K.16 ta' Settembru 2014.

ta' giurisprudenza li ma sabitx lezjoni tal-artikolu 7 minhabba li l-proceduri kienu ghadhom pendenti mhumiex rilevanti ghall-kaz odjern.

Ir-rikorrent jibbaza l-ilment tieghu fuq is-segwenti konsegwenzi li jemanu mid-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali :-

1. L-incertezza u nuqqas ta' *foreseeability* mahluqa dwar il-piena li jkun suggett ghaliha;

2. Li d-diskrezzjoni hija wahda assoluta;

3. Il-kriterji li jiggwidaw lill-Avukat Generali mhumiex imfissra fil-Ligi.

4. Li l-Avukat Generali jaghzel fid-diskrezzjoni assoluta tieghu l-parametri tal-piena li ghandhom japplikaw ghall-akkuzat.

Permezz ta’ dan l-Artiklu, il-Konvenzjoni Ewropea tesprimi principju basilari tar-*rule of law* - illi hija biss ligi li tista’ validament tiddefinixxi reat u timponi l-kastig (*nullum crimen sine lege nulla poena sine lega*). Minn dan jirrizulta illi r-reati u l-konsegwenzi taghhom ghandhom ikunu stabbiliti bil-ligi b’mod illi dak li jkun ikun jaf mill-kliem tal-ligi innifisha dak li tipprojbixxi l-ligi (ara “**Scoppola vs Italy**[26]”).

[26] ECHR - 17 ta' Settembru 2009.

Il-Professur J.J. Cremona, fl-istudju tieghu "***The Rule of Law as a Fundamental Principle of the European Convention on Human Rights***"[27] kiteb li :

"*The link between foreseeability and the conferment of discretion is a crucial one. A law which confers a discretion is not in itself inconsistent with the requirement of foreseeability provided that the scope of the discretion and the manner of its exercise are indicated with sufficient clarity, having regard to the legitimate aim of the measure in question, to give the individual adequate protection against arbitrary interference*". Ikompli "*Arbitrariness is the precise antithesis of the rule of law. In fact the Court has considered that the principle of the rule of law in a democratic society requires a minimum degree of protection against arbitrariness.*"[28]

B'riferenza ghall-**artiklu 7,** intqal li "In *essence this is the principle of legality which is a core value, a human right, and also a fundamental defense to a criminal law prosecution according to which no crime or punishment can exist without a legal basis. In addition to that, it contains the principle that criminal laws have to be sufficiently clear and precise so as to enable individuals to ascertain which conduct constitutes a criminal offence and to foresee what the consequences of transgressions will be." **(**ECHR **" *Kokkinakis v Greece*")[29].**

[27] Prof.J.J. Cremona "*Selected Papers 1990-2000"* Vol. 2 "*Human Rights and Constitutional Studies"*
[28] Herezegfalvy v Austria,24.9.92,Series A, No 244,para 89
[29] Application No. 14307/88, 25th May 1993. See para 52.

Fil-kaz **Mark James Taylor v United Kingdom** (48864/99) tat-3 ta' Dicembru 2002, il-Qorti Ewropea qalet:

*"[-.] it has had occasion to stress in the context of its judgments under Article 7 that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege), from which it follows that an offence must be clearly defined in law. This condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision, if need be with the assistance of the domestic courts interpretation of it, what acts and omissions will make him liable and, it would add for the purposes of the instant case, what penalties can be imposed (see the* ***Kokkinakis v Greece*** *judgment of 25 May 1993, Series A no. 260-A, §52;* ***Streletz, Kesllser and Krenz v. Germany*** *[GC], nos.34044/96, 35532/97 and 44801/98, ECHR 2001-II, §50)."*(sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti gja kellha l-okkazzjoni taghmel apprezzament tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artiklu fil-kaz deciz minnha fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Nelson Mufa**[30] fis-segwenti termini li ghadhom applikabbli anke ghall-kaz odjern:

*"In essence criminal convictions and penalties are to be based on the law. This flows from the principle of the rule of law embodied in the preamble to the European*

[30] Redatta bil-lingwa Ingliza.

*Convention and which also permeates various articles of the Convention. Article 7 has been the subject of interpretation by the ECHR. Thus the notion has been held to encompass both written and unwritten legal rules and entails certain qualitative requirements including those of accessibility and foreseeability ("**Achour v France")**[31]**.** In particular, the legal basis for a conviction has to be sufficiently clear and its scope must be foreseeable. However, absolute precision is not required ("**Soros v France")**[32]**.** Therefore, article 7 does not prohibit the gradual clarification of laws through judicial decisions and the development of case law.*

*The criterion of foreseeability is connected to two other criteria - that of clarity and accessibility as applied to the law ("**Sunday Times v United Kingdom**")[33]. In particular, the principle of foreseeability requires that the citizen knows what facts will give rise to criminal proceedings and <u>what penalties are associated with them</u>. The criteria of clarity, accessibility and foreseeability also apply to the legality of the penalty.(See for example, "**Coeme and others v Belgium**").*[34] (enfasi ta' din il-Qorti).

*However, the clarity of the law can be evaluated if the party has appropriate advice. This was stated by the ECHR in its*

---

[31] Application No. 67335/01, 29th March 2006.See para 42.
[32] Requête n° 50425/06,para 51.

[33] App. 6538/74 decided 26th April 1979 at para 47.This seminal judgment laid out the requirement that a criminal law is to be precise.
[34] Application nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145

*judgment in the case "**Cantoni vs France**"[35] whereby the Court held that : "A law may still satisfy the requirement of foreseeability even if the person concerned has to take appropriate legal advice to assess, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail "(see also, among other authorities, the **Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom** judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, p. 71, para. 37) as ignorance of the law is no defense.*

*With regards to the criterion of foreseeability, it is evident from the judgments of the ECHR that this is not an absolute as the Court has determined that a reasonable foreseeability of a change in the penal law would not lead to a violation of article 7 (See "**S.W. v UK**"[36], "**Pessino v France**[37])*.

*In its appreciation of the applicability of article 7 criteria, the ECHR has thus proceeded with a casuistic approach."*

Huwa evidenti minn dak premess li l-*foreseeability test* tal-artikolu 7 japplika wkoll ghall-aspett tal-piena applikabbli.

Fil-kaz **John Camilleri v Malta**[38]**,** il-Qorti Ewropea sabet li l-artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 kien iledi l-artiklu 7. Il-Qorti osservat li :

---

[35] Application 17862/91 decided on the 11th November 1996, para 35.
[36] Application No 20166/92,22 November 1995, para 44
[37] Application No. 40403/02, 10 October 2006 para 36,
[38] App. 42931/10 - 22 ta' Jannar 2013

*"39. The issue before the Court is whether the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty was observed. The Court must, in particular, ascertain whether in the present case the text of the law was sufficiently clear and satisfied the requirements of accessibility and foreseeability at the material time.*

*"43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court (see paragraph 14 above) noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards....*

*44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective*

*safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7."*

Illi l-Avukat Generali wiegeb li l-Qrati taghna mhumiex marbuta mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u jiccita s-sentenza fil-kaz **Josephine Bugeja v Avukat Generali** (Q.K. dec.fis-7 ta' Dicembru 2009). Ghalkemm dan huwa korrett, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-Qrati taghna ghandom jimxu b'certu kawtela meta jinterpretaw normi internazzjonali fejn gja hemm organu gudizzjarju internazzjonali imwaqqaf bl-iskop li jnissel giurisprudenza koerenti u awtorevoli ghall-Istat kontraenti.

Difatti il-Qorti Ewropea, fil-kaz ta' **Dimech v Malta** osservat li :

"*4. The question is, however, more complex, in that the reversal of the case-law did not concern the interpretation of domestic legal norms but of international norms, as interpreted by this Court in its case-law. In the present case the Constitutional Court of Malta departed from the principles established by the Court, a course of action which it was, in theory, free to undertake – although it removes any opportunity for the domestic authorities to make matters right in the domestic system and forces an applicant to bring proceedings before the Court under Article 34 of the Convention."*

Madanakollu l-Qorti Ewropea, ghalkemm issenjalat id-diffikoltajiet li jistghu jinholqu, irrikonoxxiet il-liberta' tal-Qrati nazzjonali li jiehdu linja differenti.

Illi taqbel mal-Avukat Generali li l-Qrati taghna, minnkejja d-decizjoni **f'Camilleri v Malta,** wasslu ghall-konkluzjoni li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali ma jledix l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

L-aktar pronunzjament recenti kien mill-Qorti Kostituzzonjali fil-kaz ta' **Daniel Alexander Holmes** fuq citat u li kien jirrigwarda l-artikolu tal-Ligi in ezami. Il-Qorti bdiet biex tikkonsidra li:

*"Il-liġi tagħti parametri wesgħin għall-għażla tal-piena biex il-qorti tkun tista' tagħti l-piena li tixraq għall-każ partikolari. Iżda din l-għażla, kif wara kollox jistqarr l-Avukat Ġenerali stess, għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti u mhux, bħal ma kien jiġri taħt l-art. 22(2) fiż-żmien relevanti, tkun limitata bis-setgħa tal-Avukat Ġenerali li jagħżel il-forum."*[39] Fil-kaz ta' **Camilleri v Malta,** il-Qorti Ewropea applikat il-*foreseeability test* mhux biss ghall-fini tac-certezza tal-piena massima applikabbli ghar-reat, imma anke ghall-fini tac-certezza tal-parametri tal-piena applikabbli. Il-Qorti Kostituzzjonali siltet il-parti rilevanti tad-decizjoni f'**Camilleri** f'dawn il-kliem:

*"Il-qorti fil-fatt sabet illi l-inċertezza dwar il-parametri – forsi għax min ikollu l-ħsieb li jwettaq reat ma jkollux mezz kif*

[39] Para 13 tas-sentenza.

*jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali qabel ma jwettaq ir-reat biex jistaqsih quddiem liema qorti sejjer iressqu jekk jinqabed – tolqot il-prevedibilita tal-piena u għalhekk sabet ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni."*[40]

Il-Qorti ghamlet riferenza ghall-paragrafu 41 tas-sentenza tal-EctHR fejn gie ppronunzjat li:

*"41. The Court observes that the law did not make it possible for the applicant to know which of the two punishment brackets would apply to him. As acknowledged by the Government [, the applicant became aware of the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried."*

Madanakollu l-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li l-principji ma jigux applikati fl-astratt u saqsiet :

*"21. Fil-verita` iżda – għax il-liġi trid titħaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravita tar-reat minnu mwettaq la kienet żgħira u lanqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali?"*

Fil-kaz in ezami, r-rikorrent inqabad b'74 kapsola ta' eroina. Dawn kienu jekwivalu ghal 799.75 gramma eroina b'purezza ta' 41.3%. Huwa minnu li sar jaf li kien ser

[40] Para 19 tas-sentenza.

jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja u f'dak il-mument seta' jottjeni informazzjoni dwar il-parametri tal-piena applikabbli.

Imma huwa fatt ukoll li l-kwantita' tas-sustanza illegali misjub fil-pussess tal-akkuzat ma kienx wiehed insinifikanti jew li johloq dubbju ragjonevoli favur l-akkuzat li kien ghall-uzu personali. Ghall-kuntrarju, il-kwantita' kien wiehed sostanzjali u konsiderando li l-iskop kien tabilfors it-traffikar ta' sustanza li tista' minghajr l-icken tlaqliq twassal ghall-mewt tal-vittmi tal-abbuz ta' droga, hija r-responsabbilita' ta' din il-Qorti li taccerta ruhha li l-lezjoni ilmentata fid-dritt astratt tissarraf verament f'lezjoni konkreta, altrimenti l-ezecizzju tal-lum ikun biss wiehed akkademiku.

Ir-rikorrent allega li kien qieghed jittratta mal-Avukat Generali ghall-piena ridotta tenut kont il-kooperazzjoni tieghu. Izda il-fatt li dan il-ftehim ma sehhx ghaliex ippretenda piena wisq baxxa (6 jew 7 snin prigunerija), ghandu jigi kkonsidrat ukoll li l-piena li giet imposta fuqu hija wahda ferm inqas mit-terz li normalment kien jigi applikat kif gie kkonstatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq l-appell tieghu. Huwa principju li l-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha, m'ghandhiex tagixxi bhala appell tat-terzo grad, u l-Qorti hija soddisfatta li l-Qrati kriminali flew il-kaz tar-rikorrent fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, inkluz il-kwantita' u l-grad tal-eroina, kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni tieghu u tal-*early guilty plea* li rregistra u wasslu ghall-minimu li <u>fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti</u> kien applikabbli.

Ma hemm xejn li jista' iwassal ghal din il-Qorti li tikkonsidra li r-rikorrent kien *borderline case*, fejn allura l-gharfien dwar il-parametri tal-piena seta' fil-konkret, jipproduci rizultat ferm aktar felici ghalih. Anzi skont l-iskeda gwida introdotta fil-Kap 101 tal-Ligijiet taghna[41], fost il-konsiderazzjonijiet principali tnizzlu l-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat; Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali u l-purità (izda dan ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard).

Filwaqt li skont l-istess linji, r-rikorrent ma jistax jitqies bhala figura principali fir-reat, madanakollu applikaw ghalih dak li il-linja gwida, jistabbilixxu bhala fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi u li għandhom jiġu meqjusa. Dawn jinkludu:-

• in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;
• il-purità għolja tad-droga;
• l-ammonti li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:

herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma;

---

[41] Ir-Raba' Skeda

*cannabis* (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma;

Fic-cirkostanzi, u applikat l-istess *ratio* bhall-kaz ta' **Holmes,** ma setax realistikament jistenna illi r-reat tiegħu ma jitqiesx gravi biżżejjed biex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, kif fil-fatt ġara. L-element ta’ prevedibbilita' wkoll tal-*punishment bracket*, biex jitħares dak illi ġie interpretat li jrid l-art. 7 ta’ Konvenzjoni, għalhekk ma kienx nieqes

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess billi ma ssibx li kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq skont l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** *stante* l-mankanza tal-prezenza ta’ avukat matul il-kors tal-investigazzjoni u waqt l-interrogatorju kif ukoll billi ma ssibx li d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali *ai termini* tal-**Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta)** fic-cirkostanzi huwa leziv tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta **u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u tal-**Artikolu 7 tal-istess Konvenzjoni.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Jannar 2016**